# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2021**

**Kawza Numru: 16**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 192/2018 JVC**

**Yvonne Delia, Phyllis Muscat, Perit Joseph Delia u Maria Helena sive Mariella Grech**

**vs**

**Carmel u Mary O'Brien**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat originarjament prezentat bil-procedura tal-giljottina fejn ir-rikorrenti Yvonne Delia et. kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Ahna kollha bejnietna proprjetarji tal-appartament 3 f'9 Triq il-Merkanti, Valletta.

2. Flimkien ma' nies jigu minna, kienet saret kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet "Walter Delia v Chairman Awtorita` tad-Djar, li kienet intemmet f'ezitu favur taghna fit-18 ta' Frar, 2016.

3. Illi dik il-kawza kostituzzjonali kienet saret peress llli l-gvern deherlu li jirrekwizizzjona l-istess korp ta' bini, skond Requisition Order 15041 u dan bis-sahha tal-Housing Act,

4. Illi l-esponenti kienu rcevew l-ittra ufficjali halli jirrikonoxxu l-inkwilini fil-fondi in kwestjoni. Huma ghamlu l-kawza apposita u l-Qorti kienet iddecidiet li r-rikorrenti kellhom ragun li ma jirrikonoxxux lill-inkwilini, u ghalhekk qatt ma gie instawrat, lanqas forzatament, l-ebda kuntratt bejn is-sidien u l-inkwilini. Is-sentenza hija dik tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Mejju, 1992, Rik Nru 2/78 fl-ismijiet Perit Arkitett Edwin Delia et v Segretarju tad-Djar, fejn il-Qorti tal-Appell, wara li rrevokat is-sentenza appellata, laqghet it-talba tar-rikorrenti u ezentathom milli jirrikonoxxu l-persuni li l-intimat pogga fil-fondi msemmija billi rikonoxximent bhal dak igibilhom konsegwenzi gravi.

5. Ghalhekk l-intimati, m'ghandhom l-ebda titlu, issa li l-Awtorita` tad-djar ssret ir-requisition hawn fuq imsemmija.

6. Inoltre l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu fil-mertu jew proceduralment, u ghalhekk ghal din l-azzjoni huma applikabbli l-provvedimenti tal-Artiklu 167 tal-Kap 12.

**Kawzali**

Peress li l-intimati qed jokkupaw l-appartament 3 f'9 Triq il-Merkanti, Valletta, minghajr ebda titlu validu fil-ligi, u ghalhekk ma jistghu jivvanta l-ebda relazzjoni mas-sidien, u l-anqas ghandhom eccezzjonijiet x'jaghtu.

**Talbiet**

Ighidu l-Intimati ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghadhiex:

1. tiddeciedi li ghal din il-kawza hija appllkabbli l-procedura sommarja skont l-artiklu 167 tal-Kap 12.
2. tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw ll-fond appartament 3 f'9 Triq il-Merkanti, Valletta, minghajr ebda titlu validu fil-ligi;
3. tordna l-izgumbrament tal-intimati fi zmien qasir u perentorju mill-fond imsemmi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmel O'Brien et kif isegwi:

1. Illi preliminarjament r-rikorrenti jridu jippruvaw it-titolu taghhom.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, l-intimati ma setghux bil-ligi jkunu partecipi fil-proceduri skont l-artikolu 3 tal-Kapitolu 125 fl-ismijiet: *Perit arkitett Edwin Delia et. vs. Segretarju tad-Djar* (Rikors Nru: 2/78) ghad, li huma kellhom interess f'dawk l-proceduri u dan meta dawk l-proceduri kellhom konsegwenzi gravi fuq l-aspettativi legittimi taghhom. Dwar dan l-esponenti ghadhom kif intavolaw proceduri kostituzzjonali appoziti.

Dawn huma fl-ismijiet *Carmelo O'Brien et vs L-Avukat Generali et (Rik nru. 30/18 JPG).* Din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprasjedi f'dawn l-proceduri qabel ma jigu decizi finalment l-proceduri kostituzzjonali imsemmija. Dawk il-proceduri jista' jkollhom effett fuq din il-kawza ghaliex fihom qed jintalab dikjarazzjoni illi l-proceduri li kienu ghamlu r-rikorrenti biex jigu ezentati milli jirrikonoxxu lill-esponenti bhala inkwilini saru bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq ta' l-esponenti.

3. Illi mhux ir-rikorrenti kollha kien pprocedew skont l-artikolu 8 tal-Kapitolu 125 u cioe mhux ir-rikorrenti kollha kienu ottjenew ezenzjoni mill-Qorti milli jirrikonoxxu lill-esponenti bhala inkwilini wara li kienet saret l-ordni ta' rekwizizzjoni relattiva. Konsegwentement ma' ghal menu uhud mir-rikorrenti l-esponent ghandhom titolu ta' lokazzjoni.

4. Illi in oltre u minghajr pregudizzju, l-esponenti gew rikonoxxuti mis-Segretarju tad-Djar, bhala inkwilini, u ghalhekk ir-rikonoxximent taghhom mis-Segretarju tad-Djar imur oltre semplici relazzjoni *sui generis* naxxenti mir-rekwizizzjoni.

5. Illi l-esponenti ilhom sitta u erbghin (46) sena ihallsu l-kera dovuta, u ilhom biss dawn l-ahhar ftit ta' snin jiddepozitaw l-kera fil-Qorti. Ghalhekk ghandhom aspettativi legittimi t'akkomodazzjoni. Wara kollox, illum l-esponeneti Mary O'Brien ghandha wiehed u tmenin (81) sena, filwaqt li l-esponeneti Carmelo O'Brien ghandu sitta u tmenin sena (86) sena bil-problemi medici li dawn l-etajiet igibu maghhom.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni fuq il-pendenza tal-ispejjez tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-mori l-intimati gew awtorizzati minn din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex jipprezentaw ir-risposta taghhom kif suepost;

Rat l-atti annessi tal-kawza tar-Rikors Kostituzzjonali bin-numru erbgha u hamsin (54) tal-2009, Walter Delia et kontra Chairman tal-Awtorita` tad-Djar;

Rat ukoll id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti kontenuta fl-istess;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2020 Dr Joseph Brincat ghan-nom tar-rikorrenti permezz ta' nota f'isem l-atturi ceda l-mertu u zamm ferm il-kap tal-ispejjez fil-kawza odjerna;

Rat illi dwar l-ispejjez il-partijiet irrimettew ruhhom ghal provi gia prezenti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukati;

Semghet lil Dr Brincat jiddikjara kif verbalizzat illum stess illi l-mertu tal-kawza odjerna gie ezawrit stante illi l-intimati rritornaw ic-cwievet tal-fond in kwistjoni u dan qabel is-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2020.

Illi l-Qorti mill-atti kollha kif fuq imsemmija tqis illi r-rikorrenti kellhom ragun li jibqaw jinsistu ghall-ispejjez tal-kawza odjerna stante li ma jirrizultax illi l-intimati kellhom raguni valida fil-ligi ghalfejn ma jirritornawx ic-cwievet tal-fondin kwistjoni mill-ewwel partikolarment wara li kien hemm decizjoni fil-kawza Kostituzzjonali fuq imsemmija. Tant hu hekk li l-itimat damu mill-anqas sentejn mill-ftuh tal-kawza odjerna qabel ma rritornaw ic-cwievet bl-ispejjez kollha li dan id-dewmien igib mieghu.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kif suesposti l-Qorti qed tiddeciedi il-kap tal-ispejjez billi tordna illi dawn ikunu kollha a karigu ta' l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**19 ta' Jannar 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Jannar 2021**